HAŻ-ŻABBAR
Citta' Rohan

31 DEC 2020

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IT-TMINN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 536**

**It-Tnejn 30 ta' Novembru 2020**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar, fis-6.15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Jorge Grech - Sindku
Bernice Farrugia - Viċi Sindku
Joseph Buttigieg - Kunsillier
Ghislaine Bongailas - Kunsilliera
Angelo Scicluna - Kunsillier
Angel Gwyn Louisielle Camilleri - Kunsilliera
Anna Calleja - Kunsilliera
Joseph Agius - Kunsillier
Patrick Barbara - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Mark Grech - Kunsillier
Joseph Vella - Kunsillier

**ASSENTI**

Ma kien hemm ħadd assenti.

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

**536.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

536.1.1 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Mark Grech fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sinjorina Ghislaine Bongailas li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Mark Grech ikun skużat.

536.1.2 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Joseph Vella fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sur Angelo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Joseph Vella jkun skużat.

**536.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti**

536.2.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni f'paragrafu 535.14.4 u minflok il-kunjom 'Agius', jidħol il-kunjom 'Buttigieg'.

536.2.2 Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni f'paragrafu 535.9.5 u qabel il-kliem 'Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk kienx ser ikun hemm kompetizzjoni għall-isbaħ tiżjin fuq ġewwa bħalma ġieli sar fis-snin ta' qabel', jidħol il-kliem 'Minħabba s-sitwazzjoni preżenti tal-COVID 19'.

536.2.3 Il-minuti tal-535 laqgħa ġew unanimament approvati kif emendati fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sinjorina Angel Gwyn Louisielle Camilleri.

**536.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

536.3.1 Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar it-tiġdid tal-polza ta' assigurazzjoni ta' saħħa għall-impjegati u għall-membri tal-Kunsill Lokali. Din il-polza tal-assigurazzjoni mal-Mapfre Middlesea hija ta' €50 għal kull persuna li tidħol fl-iskema. Fuq proposata tas-Sinjorina Ghislaine Bongailas li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li jġedded il-polza tal-assigurazzjoni għall-impjegati kollha u għall-membri kollha tal-Kunsill Lokali.

536.3.2 Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-impjegati tal-Kunsill fejn talbu l-approvazzjoni tal-Kunsill biex numru ta' sigħat ta' *vacation leave* tas-sena 2020 jiġu akkumulati mal-*vacation leave* tagħhom għas-sena 2021 peress li ma kienx possibli jagħmlu użu sħiħ minnhom minħabba esiġenzi ta' xogħol. Fuq proposta tas-Sinjorina Ghislaine Bongailas li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jilqa' it-talba tal-impjegati.

536.3.3 Is-Segretarju Eżekuttiv resqet quddiem il-Kunsill il-*performance report* tal-haddiema tal-*Community Workers Scheme Enterprise Foundation* għas-sena 2020 għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sinjorina Angel Gwyn Louisielle Camilleri, il-Kunsill qabel unanimament li japprova l-*performance reports*.

536.3.4 Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill kopja ta' ittra mibgħuta minn uffiċjal mill-Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali dwar ilment li kien tressaq minn sid ta' garaxx fi Triq Tumas Dingli. Is-Sindku spjega li s-sid tal-garaxx kien talab li jitwaħħlu *bollards* taħt il-bankina sabiex ma jsirx parkeġġ quddiem il-garaxx tiegħu peress illi kienu qed jipparkjaw il-vetturi fuq id-*double yellow line*. Is-Sindku qal li l-Kunsill intalab jibgħat l-opinjoni tiegħu f'dan ir-rigward. Is-Sindku żied jgħid li huwa ma kienx jaqbel li jsiru *bollards* taħt il-bankina u qal li hemm l-aġenzija tal-LESA u l-pulizija li jieħdu ħsieb l-infurzar meta s-sinjali tat-traffiku ma jiġux osservati. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjorina Ghislaine Bongailas, il-Kunsill qabel unanimament li jibgħat jinforma lill-Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali li l-Kunsill ma kienx jaqbel li għandhom jitwaħħlu *bollards* taħt il-bankina fi Triq Tumas Dingli.

536.3.5 Is-Sindku rrefera għall-iskema ta' fondi *LC Care Project 2020* u nforma lill-Kunsill illi l-applikazzjoni tal-Kunsill kienet ġiet aċċettata. Is-Sindku żied jgħid li kien ġie ffirmat il-kuntratt u l-Kunsill ser jingħata għajnuna finanzjarja ta' €8,000 sabiex jinxtara ikel għall-qtates *strays* u sabiex jitħallsu spejjeż veterinarji permezz ta' din l-iskema.

536.3.6 Is-Sindku qal illi fil-ġimgħat li ġejjin huwa mistenni wkoll li jiġi ffirmat il-kuntratt taħt Miżura 4 - *Development of Green Infrastructure* u l-Kunsill kien ser jingħata għajnuna finanzjarja ta' €46,029.92. Il-Viċi Sindku rreferiet għad-diskussjoni li saret fl-aħħar laqgħa dwar iċ-*change request* u staqsiet fuq liema ċint kien ser isir il-kisi. Is-Sindku qal illi l-kisi kien ser isir fis-*soft area* ta' Triq l-1 ta' Frar, 1994. Il-Viċi Sindku staqsiet jekk il-GAL Xlokk kinitx ser tinfurma lill-Kunsill minn meta jista' jinbeda x-xogħol. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-ewwel iridu jiġu approvati l-permessi tal-*Planning Authority* qabel ma jinbeda x-xogħol.

536.3.7 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi matul il-ġranet li għaddew kien ġie ffirmat l-kuntratt taħt il-Miżura 1 - *Local Development Strategy - Restoration of assets of artistic and cultural value*. Is-Sindku qal illi x-xogħol mistenni jibda fix-xhur li ġejjin u l-proġett mistenni jitlesta fix-xahar ta' Marzu 2021.

536.3.8 Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri preżenti li r-Reġjun Xlokk kien ser jagħti €1,000 rimbors fuq spejjeż minfuqa għal tiżjin tat-toroq u/jew dekorazzjonijiet relatati mal-Milied, kif ukoll *automatic hand sanitizer*. Is-Sindku qal illi din is-sena il-Kunsill kien ingħata mir-Reġjun Xlokk tlett landi żebgħa sabiex jintużaw għall-marki tal-karreġġjati u *stickers* li jitwaħħlu mal-art sabiex tinżamm id-distanza soċjali. Is-Sindku ssuġerixxa sabiex b'dawn l-€1,000 jinxtara iktar dawl dekorattiv kif ukoll

*timers* tad-dawl u ventijiet. Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi t-*timers* għandhom jiġu provduti mill-kuntrattur li ser jieħu ħsieb it-tiżjin fit-toroq. Is-Sindku qal illi kien qed jitlob li jixtri dawl dekorattiv addizzjonali u jiġi armat permezz tal-voluntiera. Is-Sindku talab ukoll biex l-ispiża relatata mat-tiżjin ta' toroq titla' għal €14,000. Is-Sinjorina Ghislaine Bongailas staqsiet meta kien ser jinxtgħel id-dawl dekorattiv fit-toroq. Is-Sindku qal illi l-għaqdiet lokali kienu diġa bdew jarmaw it-toroq iżda l-kumplament tal-armar tal-Milied kellu jiġi pospost minħabba l-maltemp. Is-Sindku żied jgħid li sal-festa tal-Kunċizzjoni id-dawl dekorattiv tal-Milied kien ser ikun mixgħul. Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk kienx ser isir tiżjin fil-binja taċ-Ċentru Ċiviku. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv minħabba li bħalissa kien għaddej ix-xogħol ta' manutenzjoni fil-binja. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Angelo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li n-nefqa għat-tiżjin ta' toroq titla għal €14,000.

536.3.9 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjorina Ghislaine Bongailas, il-Kunsill qabel unanimament li jsiru trasferimenti fl-estimi annwali għas-sena finanzjarja Jannar - Diċembru 2020 u l-ammont ta' €3,500 jiġi trasferit mill-vot 2800 'Safar u Vvjaġġar' għal vot 3370 'Ospitalità'.

536.3.10 Dwar il-kompetizzjoni tal-isbaħ tiżjin tal-Milied, is-Sindku qal illi kien għad jonqos jintgħażel l-aħħar persuna tal-ġurija. Is-Sinjorina Ghislaine Bongailas staqsiet jekk kienx hemm konkorrenza f'din il-kompetizzjoni. Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv u żied jgħid li kien ser jibgħat il-lista tal-ġurija permezz tal-*email*.

536.3.11 Is-Sindku tkellem dwar il-*pelican crossing* li hemm propost li ssir fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa quddiem il-Park ta' San Klement. Is-Sindku qal li kien hemm problema teknika u żied jgħid li d-dawl tal-*belisha beacons* li jkun hemm ma' kull *zebra crossing* ikun imqabbad mad-dawl tat-triq filwaqt li *pelican crossing* irid ikollha *meter* tad-dawl. Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri preżenti li d-dewmien sabiex isir il-*pelican crossing* kien ġej minħabba l-fatt li fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa ma kienx hemm distribuzzjoni tal-elettriku li twassal sal-Park San Klement u l-ispiża sabiex l-Korporazzjoni Enemalta tħejji konnessjoni ta' *cables* impoġġija taħt l-art kienet ser tiswa madwar €60,000. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fil-preżent kienu għaddejjin diskussjonijiet bejn *Transport Malta*, *Parks Malta* u l-Korporazzjoni Enemalta dwar min ser jiffinanzja din l-ispiża kif ukoll mil-liema *substation* ser tgħaddi d-distribuzzjoni tad-dawl.

536.3.12 Is-Sinjura Anna Calleja semmiet il-ħtieġa li ssir il-*pelican crossing quddiem il-Park ta' San Klement* ~~u talbet sabiex il-Kunsill jagħmel pressjoni fuq l-entitajiet konċernati sabiex ix-xogħol isir~~ fl-iqsar żmien possibli minħabba li hemm periklu meta wieħed jiġi biex jaqsam it-triq. Emendati

536.3.13 Is-Sur Joseph Agius issuġġerixxa li l-*pelican crossing* ikunu jaħdmu bl-enerġija solari. Is-Sindku qal illi minħabba sigurtà, il-*pelican lights* ma jistgħux jaħdmu bl-enerġija solari.

536.3.14 Is-Sindku qal illi wara li kif jintlahaq il-ftehim ta' kif ser tghaddi d-distribuzzjoni tad-dawl ghal Park ta' San Klement, jibdew id-diskussjonijiet mal-entitajiet ikkonċernati sabiex issir *pelican crossing* maġenb il-*ground* tas-St Patrick u fi Triq il-Vittorja.

536.3.15 Is-Sindku qal illi x-xoghol ta' *resurfacing* fi Triq ix-Xghajra tkompla u żied jghid li l-kuntrattur responsabbli ntalab jirranġa x-xoghol li kien sar hażin.

536.3.16 Is-Sindku tkellem dwar ix-xoghol infrastrutturali li kien ghaddej fi Sqaq San Franġisk minn *Infrastructure Malta*. Is-Sindku semma l-*posts* li ttellghu fuq il-midja soċjali sabiex il-kostruzzjoni tal-art tal-konkos issir bl-*imprint concrete*. Is-Sindku qal illi huwa kien ressaq dan is-suġġeriment lil *Infrastructure Malta* iżda l-Kunsill intalab ihallas is-somma ta' €14,000 sabiex il-kostruzzjoni tal-art tal-konkos issir bl-*imprint concrete*. Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi ma kienx jaqbel li l-Kunsill ihallas l-ammont ta' €14,000 sabiex l-isqaq isir bl-*imprint concrete* u ssuġġerixxa li Sqaq San Frangisk isir bhall-kumplament tal-isqaqien sabiex b'hekk ikun hemm uniformità. Is-Sur Buttigieg żied jghid li b'€14,000 il-Kunsill jista' jaghmel kostruzzjoni ta' iktar sqaqien. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li ma jhallasx is-somma ta' €14,000 sabiex il-kostruzzjoni tal-art issir bl-*imprint concrete*.

536.3.17 Il-Kaptan Patrick Barbara tkellem dwar ix-xoghol ta' kostruzzjoni li kellu jsir fl-isqaqien ta' madwar il-knisja. Il-Kaptan Barbara staqsa meta kien ser jinbeda dan ix-xoghol. Is-Sindku qal illi l-istima tal-perit tal-Kunsill sabiex issir kostruzzjoni tal-art tal-konkos bl-*imprint concrete* tal-isqaqien numru 1, 2,3,4,5, Sqaq il-Koppla u Sqaq il-Knisja kienet tammonta ghal madwar €92,300; filwaqt li l-istima sabiex issir kostruzzjoni tal-art tal-konkos mhux *imprint concrete* il-prezz jonqos b' madwar €25,000. Is-Sindku ssuġġerixxa sabiex l-isqaq li hemm mad-dawra tal-knisja isir bl-*imprint concrete*. Il-Kaptan Patrick Barbara talab sabiex il-materjal tal-konkos jiġi ttestjat fil-laboratorju sabiex jiġi assigurat li l-kwalità tal-materjal hija skont dak mehtieġ. Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li l-kostruzzjoni tal-isqaqien numru 1, 2,3,4,5, Sqaq il-Koppla u Sqaq il-Knisja ma jsirux bl-*imprint concrete* u sabiex il-Kunsill japplika ghall-permessi mehtieġa biex ix-xoghol jibda fl-iqsar żmien possibbli. Is-Sindku qal illi kien ser jiċċekkja jekk il-Kunsill jistax japplika ghall-ghajnuna finanzjarja u dawn l-isqaqien jiġu ffinanzjati permezz tal-*Planning Funds*.

536.3.18 Is-Sindku qal illi kien inbeda l-proġett ta' restawr u konservazzjoni fuq in-niċċa ta' Ġesù Redentur li hemm faċċata tal-entratura taċ-ċimiterju. Is-Sindku żied jghid li dan ix-xoghol qieghed isir permezz tal-fondi tal-GAL Xlokk taht Miżura 1 - *Local Development Strategy - Restoration of assets of artistic and cultural value.*

536.3.19 Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien ġie kkwalifikat fit-tielet post tal-*Waste Management Reduction Award* u rebah is-somma ta' €2,000 sabiex isiru proġetti li

jibbenefika minnhom l-ambjent. Dan grazzi għall-koperazzjoni tar-residenti li dejjem isseparaw l-iskart. Is-Sindku ssuġġerixxa sabiex permezz ta' dawn il-fondi isir xogħol ta' restawr fuq in-niċċa ta' San Ġużepp u fuq il-monument tal-Papa Alessandru li hemm maġenb il-Mużew tas-Santwarju. Il-Kaptan Patrick Barbara talab sabiex b'dawn il-fondi jinxtraw *CCTV cameras* sabiex jitpoġġew maġenb il-*bring insites*. Is-Sindku qal illi għas-*CCTVcameras* kien ser japplika għal fondi permezz ta' skema oħra. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jsir xogħol ta' restawr fuq in-niċċa ta' San Ġużepp u fuq il-monument tal-Papa Alessandru li hemm maġenb il-Mużew tas-Santwarju permezz ta' dawn il-fondi.

536.3.20 Is-Sindku qal illi x-xogħol ta' restawr fuq il-monument tal-Gwerra kien inbeda.

536.3.21 Is-Sindku qal illi bil-fondi tal-LESA relatati ma' attivitajiet u inizjattivi kulturali u soċjali, sar xogħol ta' restawr fuq in-niċċa tal-Madonna tal-Grazzja li qiegħda f'Misraħ San Ġakbu kantuniera ma' Triq ix-Xgħajra, in-niċċa ta' San Ġużepp u Santa Marija li qiegħda fi Triq il-Biċċieni Sqaq numru 7, in-niċċa ta' Sant Antnin li qiegħda fi Triq il-Kbira kantuniera ma' Misraħ is-Sliem u restawr tal-funtana li qiegħda f'Misraħ is-Sliem. Is-Sindku żied jgħid li l-pompa tal-funtana u l-bieba tal-art tal-pompa saru permezz tal-fondi tal-Kunsill. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-inawgurazzjoni ta' dawn in-niċċeċ ser issir mil-Onorevoli Ministru Byron Camilleri matul ix-xahar ta' Diċembru.

536.3.22 Is-Sindku qal illi x-xogħol ta' *resurfacing* fi Triq in-Naħla kien tlesta. Is-Sindku żied jgħid li dan ix-xogħol kien sar minn *Infrastructure Malta*.

536.3.23 Is-Sindku qal illi kien sar il-*launching* tal-ktieb 'Storja u Kultura' u li għall-inawgurazzjoni ġie mistieden l-Onorevoli Josè Herrera, il-Ministru responsabbli għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali.

536.3.24 Is-Sindku qal illi x-xogħol fil-binja taċ-Ċentru Ċiviku kien kważi tlesta u qal illi kien ser iġib stima sabiex it-twieqi tal-uffiċini tal-Kunsill jinżebgħu bil-kulur abjad.

536.3.25 Is-Sindku ssuġġerixxa sabiex jitwaħħlu *uplighters* mal-faċċata taċ-Ċentru Ċiviku. Il-Viċi Sindku ssuġġeriet li jinxraw *uplighters* li jitfgħu d-dawl minn fuq u minn isfel. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jixtri *uplighters* li jbiddlu l-kulur u jitwaħħlu mal-faċċata tal-binja taċ-Ċentru Ċiviku.

536.3.26 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kien qed isir xogħol ta' manutenzjoni fi Ġnien il-Kunsill permezz tal-priġunieri nisa bħala parti mill-programm ta' riabilitazzjoni. Is-Sindku rringrazzja lill-Onorevoli Byron Camilleri għall-priġunieri li ntbgħatu f'Ħaż-Żabbar.

536.3.27 Is-Sindku qal illi matul ix-xahar tal-mejtin twaħħlet girlanda mal-grada taċ-ċimiterju. Is-Sindku żied jgħid illi kien bagħat il-kondoljanzi lill-Kunsill ta' Ħal-

Qormi minhabba l-mewt tas-Sindku ta' Ħal-Qormi f'isem il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żabbar.

536.3.28 Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien miexi bil-proċess sabiex jinxtara l-vann tal-Kunsill.

**536.4 Approvazzjoni tal-minuti tas-Sotto Kumitat**

536.4.1 Ma kienx hemm minuti tas-Sotto Kumitat.

**536.5Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

536.5.1 Fuq proposta tas-Sinjorina Angel Gwynn Louisielle Camilleri li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn s-27 t'Ottubru 2020 u t-30 ta' Novembru 2020 li kienet tammonta għal €80,647.50.

**536.6 Abbozz Estimi Annwali**

536.6.1 Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill l-abbozz tal-Estimi Annwali għas-sena 2021. Is-Sindku qara r-rapport tal-abbozz tal-estimi annwali. Is-Sindku qal illi għas-sena 2021 il-Kunsill kien qed jistma li jonfoq €906,615 fuq proġetti kapitali. Is-Sindku żied jgħid li dan kien possibbli minħabba l-fatt li l-Kunsill dejjem kien attent kif jimmaniġġja l-fondi. Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li jżid l-ispiża tal-kostruzzjoni tal-isqaqien b'€20,000 u jnaqqas din l-ispiża mill-proġett ta' tisbiħ f'Misraħ San Nikola. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li japprova l-abbozz tal-estimi annwali 2021.

**536.7 Abbozz Pjan ta' Ħidma 2020-2024**

536.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv resqet quddiem il-Kunsill l-abbozz tal-Pjan ta' Ħidma. Fuq proposta tas-Sinjorina Ghislaine Bongailas li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill approva unanimament il-Pjan ta' Ħidma.

536.7.2 Fit-7.40 ta' filgħaxija l-laqgħa ġiet sospiża għal ftit minuti sabiex id-diskussjoni issir fi stadju ta' kumitat.

536.7.3 Fit-7.45 ta' filgħaxija il-laqgħa tkompliet.

536.7.4 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza ikla tal-Milied għall-membri tal-Kunsill nhar is-Sibt 19 ta' Diċembru 2020.

536.7.5 Fit-7.47 ta' filgħaxija s-Sinjorina Angel Gwynn Louisielle Camilleri talbet li tkun skużata.

**536.8 Laqgha annwali pubblika**

536.8.1 Is-Sindku qal illi skont l-Artiklu 70 tal-Att dwar Gvern Lokali trid issir laqgha pubblika sabiex jiġi diskuss l-estimi annwali. Is-Sindku żied jgħid li din il-laqgha trid issir sa mhux aktar tard mill-15 ta' Diċembru. Għall-benefiċċju tas-saħħa pubblika, minħabba l-pandemija tal-COVID 19 is-Sindku issuġerixxa li tinkera s-sala r-Raghaj it-Tajjeb sabiex tinżamm id-distanza soċjali. Fuq proposta tas-Sur Angelo Scicluna li ġiet issekondata mis-Sinjorina Ghislaine Bongailas, il-Kunsill qabel unanimament li l-lagħa annwali ssir fl-14 ta' Diċembru, 2020 fis-6.00 ta' filgħaxija u li l-laqgħa ssir fis-sala r-Raghaj it-Tajjeb.

**536.9 Għażla ta' skema awtorizzata tal-ġbir ta' skart riċiklat**

536.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill illi l-kuntratt mal-*Greenpak*, il-kumpanija responsabbli mill-ġbir tal-iskart riċiklabbli f'Ħaż-Żabbar kien ser jiskadi fil-31 ta' Marzu, 2021. Il-Kaptan Patrick Barbara talab sabiex il-ġbir ta' skart riċiklabbli jibda jinġabar darbtejn fil-ġimgħa. Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jerġa' jitlob liż-żewġ skemi awtorizzati mill-ERA sabiex jissottomettu l-proposta tagħhom.

**536.10 Ittri legali**

536.10.1 Is-Segreatrju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill illi sid ta' vettura li kienet talbet rifużjoni għall-ispejjeż li allegatament ġarrbet minħabba ħofra fi Triq Wied il-Għajn kienet irreferiet l-ilment tagħha lill-uffiċċju tal-Ombudsman. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill kien intalab jibgħat jagħti l-kummenti tiegħu dwar dan l-ilment. Is-Sindku qal illi kienet intbgħatet ittra legali bħala risposta lill-Ombudsman.

536.10.2 Inqrat ittra li l-Kunsill irċieva mingħand sid il-vettura dwar inċident li allegatament seħħ fi Triq ix-Xgħajra, fejn talab kumpens ta' €75 mingħand il-Kunsill għall-ħsarat li għamel fil-vettura tiegħu. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Angelo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà għal dan l-inċident u li tintbgħat ittra legali bħala risposta.

**536.11 Aġġudikazzjoni tal-Offerti**

- Xogħlijiet ċivili u nstallazzjonijiet ta' tagħmir anċillari għal *school zoned pedestrianised superblock* f'Ħaż-Żabbar (4/2020R)

536.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li ma kien hemm l-ebda offerta għal dan ix-xogħol. Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri preżenti li kien qed ifittex kuntratturi li jissuplixxu *bollards* awtomatiċi li jogħlew b'aċċess ikkontrollat sabiex b'hekk il-Kunsill ikun jista' jitlob l-approvazzjoni tad-Dipartiment għall-

Gvern Lokali skond il-linji gwida 3.5 biex jinghata koncessjoni jaghmel *direct order*. Is-Sindku qal ukoll illi kien ser jaghmel komunikat ma' Transport Malta biex jistaqsihom jekk il-Kunsill jistax iwahhal *light weight bollards* minflok il-*bollards* awtomatiċi li joghlew b'aċċess ikkontrollat.

**536.12 Tweġibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

536.12.1 Is-Sur Angelo Scicluna semma l-htieġa li jsir *extensive patching* fi Triq is-Santwarju speċjalment fil-parti ta' bejn l-ispiżerija u l-garaxx li jikri l-karozzi. Is-Sindku qal illi fi Triq is-Santwarju kienet qed tisfronda t-triq u qal illi kien ser jaghmel pressjoni fuq *Infrastructure Malta* sabiex isir ix-xoghol neċessarju.

536.12.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi fil-jiem li ġejjin kien ser isir xoghol ta' *extensive patching* fi Triq l-Iskola.

536.12.3 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi r-*road hump* ta' Triq Spadaro kif ukoll ir-*road hump* fi Triq iċ-Ċimiterju kienu tnehhew.

536.12.4 Fit-8.20 ta' filghaxija s-Sur Angelo Scicluna talab li jkun skużat.

536.12.5 Il-Viċi Sindku rreferiet ghall-korrispondenza li kienet intbghatet mill-Ministeru responsabbli mit-Turiżmu u l-Protezzjoni tal-Konsumatur, rigward it-thawwil ta' siġar fl-ibliet u l-irhula u talbet sabiex il-Kunsill jiddiskuti fejn l-ahjar li jiġu mhawwla l-100 siġra permezz ta' din l-iskema. Is-Sindku qal illi kien ser jara li jikkonkludi din il-materja wara l-laqgha tal-Kunsill. Il-Viċi Sindku talbet li tiġi kkonsultata.

536.12.6 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-gradi tad-*dog park* kienu ġew irranġati u jonqos li jsiru d-*dual gates*. Is-Sinjura Anna Calleja talbet li jkun hemm ilma ghall-klieb fid-*dog park*. Is-Sindku qal illi biex jiddahhal is-servizz tal-ilma, il-Kunsill irid japplika ghal *meter*.

536.12.7 Is-Sindku qal illi meta l-Kunsill kien qed jiddiskuti dwar it-tnehhija tar-*road hump* minn Triq Spadaro, kien hemm nuqqas ta' ftehim dwar liema *road hump* kellha titnehha. Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi r-*road hump* li talab sabiex titnehha kienet tnehhiet. Is-Sindku talab li titnehha *road hump* li hemm fi Triq Spadaro fil-viċinanzi ta' Triq iċ-Ċulqana minhabba li kienet qed tohloq inkonvenjent ghar-residenti. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsil qabel unanimament li titnehha r-*road hump* minn Triq Spadaro.

536.12.8 Is-Sur Joseph Agius qal li fi Triq ix-Xghajra fi Sqaq Nru 1 fil-viċinanzi ta' Triq il-Hawt, kien hemm numru ta' qtates li huma *strays*. Is-Sur Agius talab li jsir *neutering* tal-qtates li hemm fi Triq il-Hawt kif ukoll sabiex jitwahhlu cat *shelters*. Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet jekk hemmx fejn jistghu jsiru *cat shelters* f'din it-triq. Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv peress illi kien hemm fetha u ghad trid issir esproprjazzjoni tal-art. Is-Sur Joseph Agius qal illi kienu tġoġġew żewġ tankijiet

bejn Triq il-Hawt u Triq ix-Xgħajra Sqaq Nru 1. Is-Sindku qal illi kien jaf dwar dan il-każ u t-tankijiet saru peress illi t-triq għada mhux miftuħa uffiċjalment.

536.12.9 Is-Sur Joseph Agius reġa' semma l-ħtieġa li titneħħa rampa li hemm fi Triq is-Santwarju li tagħti għal ġewwa *parking bay* u meta jkun hemm il-vetturi pparkjati kien qed jingħalaq l-aċċess għar-rampa fit-tarf tal-bankina. Is-Sur Agius talab sabiex titneħħa r-rampa u minflok issir rampa oħra fil-viċinanzi tal-ħanut tal-laħam.

536.12.10 Is-Sur Joseph Agius issuġġerixxa li tinġabar l-informazzjoni dwar min miet bil-virus tal-COVID 19 sabiex il-Kunsill ikun jista' jgħin f'każ li jkollhom bżonn għajnuna soċjali. Is-Sindku qal illi minħabba *data protection* il-Kunsill ma jistax ikollu aċċess għal din l-infromazzjoni u żied jgħid li hemm entitajiet governattivi li jgħinu l-persuni fil-bżonn.

536.12.11 Is-Sinjura Anna Calleja qalet li fi Triq Villabate fil-viċinanzi ta' Triq San Ġużepp kien hemm il-*bollards* mqaċċtin. Is-Sinjura Calleja talbet sabiex dawn il-*bollards* isiru tal-ħadid. Is-Sindku qal illi minħabba sigurtà għas-sewwieqa, il-*bollards* ma setgħux isiru tal-ħadid.

536.12.12 Is-Sinjura Anna Calleja resqet ilment li kienet irċeviet minħabba li fil-Park ta' San Klement dwar ċint baxx ħafna u li kien ta' periklu speċjalment għat-tfal.

536.12.13 Is-Sur Joseph Agius qal illi fi Triq is-Santwarju kien hemm numru ta' lampi maqtugħin. Is-Sindku ppropona sabiex il-bozoz maqtugħa jinbidlu għal 30*watts* minflok 11*watts*. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jinbidlu l-bozoz maqtugħa u jsiru tat-30*watts* minflok tal-11*watts*.

536.12.14 Is-Sur Joseph Agius qal illi l-arbi tad-dawl ta' Misraħ tal-Madonna Medjatriċi kienu baqgħu ma ġewx innumerati.

536.12.15 Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi z-*zebra crossing* li hemm f'Misraħ tal-Madonna Medjatrici quddiem il-Mużew tas-Santwarju għandha l-*belisha beacons* mitfija. Is-Sur Buttigieg talab li d-dawl jiġi rranġat fl-iqsar żmien possibbli sabiex jitneħħa l-periklu għall-*pedestrians*. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hemm problema fil-linja tad-dawl li trid tiġi rranġata mill-Korporazzjoni Enemalta.

536.12.16 Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa meta kienet ser issir il-laqgħa mal-perit sabiex tiġi diskussa ż-*zebra crossing* fi Triq il-Vittorja. Is-Sindku qal illi l-ewwel kienu ser jiġu konklużi d-diskussjonijiet taz-*zebra crossing* fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa.

536.12.17 Is-Sindku semma l-ħtieġa li jiġi rranġat il-globu taż-*zebra crossing* li hemm fi Triq Hompesch kif ukoll sabiex jinżebgħu l-arbli tal-*pelican crossing* li hemm fi Triq is-Santwarju.

**536.13 Mozzjonijiet**

536.13.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**536.14** Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss

536.14.1 Fuq proposta tas-Sur Angelo Scicluna li ġiet issekondata mis-Sinjorina Ghislaine Bongailas, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgha li jmiss issir nhar it-Tlieta, 29 ta' Diċembru, 2020 fis-6.00 ta' filghaxija.

536.14.2 Il-laqgha spiċċat fid-8.50 ta' filghaxija.

IFFIRMATA

Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-537 laqgha li saret nhar it- Tlieta, 29 ta' Diċembru, 2020.

IFFIRMATA

Jorge Grech
Sindku